# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 11 ta' Marzu, 2024**

**Rikors Nru. 379/2024**

**Id-Dipartiment għas-Servizzi Edukattivi**
**kif rappreżentat mid-Direttur Ġenerali,**
**Ritienne Borg Saliba**

**v.**

**Union of Professional Educators**

1. Il-Union of Professional Educators ("UPE") tat numru ta' direttivi lill-membri tagħha, edukaturi fis-settur pubbliku magħrufa bħala Learning Support Educators ("LSEs") u għarrafhom lid-Dipartiment bihom.[1] Id-Dipartiment għas-Servizzi Edukattivi (id-"Dipartiment") jgħid li dawk id-direttivi huma illegali għaliex l-unika *union* rikonoxxuta skont il-liġi biex tirrappreżenta lill-edukaturi fis-settur pubbliku, inklużi l-LSEs, hi l-Malta Union of Teachers ("MUT"), u hi biss dik il-

[1] Ara email tat-28 ta' Frar 2024 indirizzata lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment, annessa mar-rikors tad-Dipartiment. Ara ukoll direttivi tal-15 ta' Jannar 2024, 23 ta' Jannar 2024, 26 ta' Jannar 2024 u 30 ta' Jannar 2024 ippreżentati waqt is-smigħ.

*union* li tista', bil-liġi, tintervjeni mad-Dipartiment biex jitħarsu d-drittijiet tal-LSEs.[2] Iżżid li d-direttivi li ngħataw diġa qed joħolqu konfużjoni sħiħa fl-iskejjel tal-istat u tbatija għat-tfal b'mod li l-andamenti tal-jum tal-iskola f'xi sitwazzjonijiet qed ikun impossibli. Id-Dipartiment jgħid ukoll li direttivi futuri jkunu, jekk jingħataw, illegali ukoll; u jikkontribwixxu għas-sitwazzjoni fl-iskejjel imfissra fir-rikors tad-Dipartiment, kif elaborat tul it-trattazzjoni.[3]

2. Il-UPE tgħid li l-qorti ma tistax tagħti ordni ta' natura pożittiva jew, kif jingħad bit-Taljan, ordni *di fare* u, għalhekk, li ma tistax tordna li d-direttivi li ġja ngħataw jiġu revokati. Tgħid ukoll li:

   a. Dak li għamlet meta tat id-direttivi in kwistjoni mhux illegali; u timplika b'hekk li hi tista', leġittimament, tagħti direttivi oħra fil-futur;
   b. Id-Dipartiment kellu juri mhux biss li l-azzjoni li qed titlob li titwaqqaf hi illegali imma ukoll li sejra tikkawża ħsara li għaliha ma hemmx rimedju adegwat; u
   c. Ir-regolament 5 ta' LS 452.112 jikser l-art. 42 tal-Kostituzzjoni u l-art. 11 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

3. Dwar l-ewwel punt imqajjem mill-UPE, id-Dipartiment jgħid li billi dak li qed jintalab hu li l-UPE ma 'tippersisti[x] fl-għoti ta' direttivi ġja mogħtija', ordni f'dan is-sens ma jiksirx il-liġi. Waqt it-trattazzjoni, l-avukat tad-Dipartiment fisser li bil-mod akkurat li bih id-Dipartiment fassal din il-parti tat-talba, id-Dipartiment ried ifisser li billi d-direttivi eżistenti għandhom effett għall-futur, dak li qed jintalab hu li jitwaqqaf dak l-effett. Skont id-Dipartiment, ordni li għandu jitwaqqaf tali effett hi ordni negattiva, ordni ta' projbizzjoni.

4. Dan hu argument immaġinattiv, imma żbaljat. Veru li d-direttivi għandhom effett wara li jkunu ngħataw u li dak l-effett jista' jitwaqqaf. Imma biex jitwaqqaf dak l-effett minn naħa tal-UPE, l-istess UPE trid jew tirtira jew inkella tissospendi l-effett

[2] L-argument hu mibni fuq regolament 5 tal-LS 452.112.
[3] Il-qorti ngħatat informazzjoni dwar in-numru ta' studenti li ġew milquta mill-aħħar direttivi, fuq medda ta' madwar ġimgħa.

d-diretttivi; u dak li qed jintalab hu, in effett jekk mhux fil-forma, li l-qorti tordna lill-UPE biex tagħmel hekk; li hi ordni *di fare*.

5. Ngħaddu issa għat-tieni parti tal-ordni mitluba, dik li fiha id-Dipartiment qed jitlob li l-UPE titwaqqaf milli 'tagħti direttivi ġodda fuq materji kollettivi, u/jew b'xi mod kollettiv relatat mal-impjegati membri tagħha li jaħdmu mal-iskejjel statali'.

6. Biex jirnexxi f'din it-talba d-Dipartiment irid, fl-ewwel lok, juri *prima facie* li tali direttivi, jekk jingħataw, ikunu illegali.

7. Biex tilqa' għal dan il-punt il-UPE rriferiet lill-qorti għad-deċiżjoni fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet *Marco Bonnici noe et v Il-Union Professional Educators et* (Nru 1477/2019JZM, 12 ta' Novembru 2019). F'dik id-deċiżjoni l-qorti qalet li ma kienx disputat (kif mhux disputat f'dawn il-proċeduri) li r-rikonoxximent ta' *union* jagħtiha d-dritt esklussiv li tinnegozja għan-nom tal-klassi tal-impjegati li fir-rigward tagħhom hi rikonoxxuta, inklużi l-impjegati li mhumiex membri tagħha. Dwar il-punt li jinteressana hawn, il-qorti qalet hekk:

> Dan premess, propju ghaliex il-liberta` ta` l-assocjazzjoni huwa dritt li huwa bl-Art 42 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u bl-Art 11 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, id-dritt tal-Malta Union of Teachers li tittratta b`mod kollettiv kif fuq inghad ma jistax jigi estiz bil-mod kif soggettivament qeghda tippretendi fil-procediment odjern.
>
> Qieghed jinghad hekk ghaliex il-Malta Union of Teachers ma tistax tippretendi li ghandha jedd li zzomm jew tfixkel lill-Union of Professional Educators milli taqbez u tidhol ghall-membri taghha fi kwistjonijiet li ma jiskonfinawx fuq il-jedd tal-Malta Union of Teachers li tkun hi li taghmel *collective bargaining* ghax ghandha tirrapprezenta l-maggoranza tal-edukaturi.

8. Waqt it-trattazzjoni, id-Dipartiment wera l-fehma li din id-deċiżjoni m'għandhiex wisq rilevanza għal dawn il-proċeduri għaliex (i) il-kwistjoni kienet waħda bejn żewġ *unions* u mhux bejn prinċipal u *union*; u (ii) id-deċiżjoni ma tgħidx li *union* li mhix rikonoxxuta tista' tintervjeni b'mod kollettiv.

9. L-ewwel punt ma tantx għandu saħħa: il-kwistjoni ta' interpretazzjoni fiż-żewġ każi hi l-istess u l-fatt li f'*Marco Bonnici noe et v Il-Union Professional Educators et* il-partijiet kienu *unions* kien irrilevanti. Dwar it-tieni punt, jiġi osservat filqwaqt li dak li qal id-Dipartiment hu minnu jekk wieħed joqgħod fuq is-silta miġjuba f'para. 7, dak li qalet il-qorti jrid jitqies fil-kuntest ta' dak li ntalbet: u dak li ntalbet

kien proprju li l-UPE titwaqqaf milli tieħu miżuri kollettivi. Għalhekk, dawn iż-żewġ argumenti ma jwasslux lill-qorti biex tara li hemm x'jiddistingwi dan il-każ minn dak f'*Marco Bonnici noe et v Il-Union Professional Educators et*.

10. Id-Dipartiment sostna sussidjarjament li jekk id-deċiżjoni f'*Marco Bonnici noe et v Il-Union Professional Educators et* tfisser dak li tgħid li tfisser l-UPE, allura d-deċiżjoni kienet żbaljata. Dan għaliex ir-regolament 5 tal-LS 452.112 jipprojbixxi lil *union* li mhix rikonoxxuta mhux biss milli tinnegozzja b'mod kollettiv għall-membri tagħha imma ukoll li milli tintervjeni kollettivament, għan-nom jew fl-interess tagħhom, mal-prinċipal.

11. Għandu raġun id-Dipartiment jgħid li meta, f'kuntest li fih setgħet tuża terminu wiehed, il-liġi tuża termini differenti, il-preżunzjoni għandha tkun li l-liġi tagħmel differenza lingwistika biex tagħmel differenza sostantiva, mhux waħda stilistika. Għandu saħħa, allura, l-argument tad-Dipartiment li hemm differenza sostantiva bejn l-ewwel parti tar-regolament 5 tal-LS 452.112, li tgħid li *union* rikonoxxuta tista' tinnegozja esklussivament fuq il-post tax-xogħol, u t-tieni parti li tgħid li ebda *union* oħra ma tista' 'tintervjeni' fuq materja kollettiva relatata mal-impjegati konċernati mal-prinċipal. L-implikazzjoni tal-argument tad-Dipartiment hi li anki jekk il-*union* li mhix rikonoxxuta ma titkellimx dwar il-membri tagħha mal-prinċipal b'mod kollettiv, l-għotja ta' direttiva lil dawk il-membri b'mod kollettiv jammonta għal intervent li jikser ir-regolament 5.

12. Imma għandu saħħa ukoll l-argument li l-kelma 'tintervjeni' trid titqies fil-kuntest sħiħ tar-regolament 5; fil-kuntest tar-regolamenti in kwistjoni fl-intier tagħhom; u fid-dawl tad-dritt fondamentali tal-assoċjazzjoni.

13. Ir-regolament 5 jagħmilha illegali għal *union* mhux rikonoxxuta li tintervjeni dwar materja kollettiva mal-prinċipal f'kuntest fejn qed jingħata dritt esklussiv lill-*union* rikonoxxuta li tinnegozja fuq tali materji mal-istess prinċipal. Għalhekk forsi jista' jingħad (kif donnha sostniet il-qorti f'*Marco Bonnici noe et v Il-Union Professional Educators et*) li bl-għoti biss ta' direttivi lill-membri tagħha hi ma tkunx qiegħda tintervjeni illegalment fi kwistjoni tax-xogħol sakemm ma tittantax tużurpa d-dritt esklussiv tal-*union* rikonoxxuta li tinnegozja mal-prinċipal. Jekk din hix l-

interpretazzjoni korretta tar-regolament 5 trid titqies ukoll fid-dawl (i) tar-regolament 1(2) tal-LS 452.112, li jgħid li r-regolamenti jirregolaw l-għotja u r-revoka tar-rikonoxximent ta' *union* bħala l-unika *union* li tkun tista' tinnegozja fuq il-post tax-xogħol u (ii) tad-dritt fondamentali tal-assoċjazzjoni.[4]

14. Din hi kwistjoni ta' interpretazzjoni li għad trid tiġi mistħarrġa. Li hemm dawn it-tifsiriet possibbli tar-regolament 5 ifisser li, għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri, il-każ tad-Dipartiment ma jistax jirnexxi.

Ir-rikors hu, għal dawn ir-raġunijiet, miċħud. L-ispejjeż iħallashom id-Dipartiment.

Mogħti kameralment.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

[4] F'*Marco Bonnici noe et v Il-Union Professional Educators et* il-qorti rriferiet għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 biex tinterpreta r-regolament 5 tal-LS 452.112. Forsi wasal il-waqt li dawn il-qrati jaddottaw, espressament, il-prinċipju interpretattiv li l-liġijiet ordinarji għandhom jitfissru fid-dawl tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.